# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis 23 ta' Jannar, 2020**

**Kawża Nru. 33**

**Rik. Nru. 952/16JRM**

Dr. Dorita **DEBONO** bħala mandatarja speċjali ta' Ali Taher Ab Mohammed Saleh

vs

**L-AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-24 ta' Ottubru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi *nomine* talbet li din il-Qorti (1) issib li l-ordni ta' konfiska tal-vettura tat-tip *Kia Carnival* bin-numru ta' reġistrazzjoni 5-1540962 kif ukoll l-ordni biex l-istess vettura titqiegħed għall-bejgħ bl-irkant, huma *ultra vires* billi l-egħmil amministrattiv jiksru l-liġi u l-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll għaliex l-Awtorità mħarrka naqset milli tħares il-prinċipji tal-

ġustizzja naturali, u l-egħmil amministrattiv li segwiet jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika bi ksur tal-liġi għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) tirrevoka l-imsemmija ordnijiet; (3) tordna r-rilaxx tal-vettura; (4) issib li l-Awtorità mħarrka kisret il-jeddijiet tal-attur u trid twieġeb għad-danni mġarrba minnu; (5) tillikwida d-danni mġarrba minnu minħabba l-imġiba tal-Awtorità u (6) tikkundannaha tħallsu d-danni hekk likwidati. Jitlob ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2016[1], li bih ordnat in-notifika lill-Awtorità mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-15 ta' Novembru, 2016, li biha l-Awtorità mħarrka laqgħet fil-mertu għall-azzjoni attriċi billi tiċħad it-talbiet attriċi w tgħid li mxiet ma' dak li titlob minnha l-liġi. Tgħid li kien l-attur li ġab u saq f'Malta vettura mingħajr ma rreġistraha u mingħajr ma ħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni fuqha jew ġab il-liċenzja ta' ċirkulazzjoni, kif kien mistenni minnu li jagħmel. Għalhekk, iżżid tgħid li l-attur ma jistax jippretendi li l-Awtorità mxiet lil hinn mis-setgħat tagħha meta kien hu nnifsu li kiser il-liġi. Tisħaq li ma kkawżat ebda dannu lill-attur, u għaldaqstant m'għandha tħallsu ebda kumpens;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2016[2], li bih ordnat li s-smigħ tal-kawża jissokta fl-ilsien Ingliż;

Rat id-dokumenti u x-xhieda miġjuba quddiemha, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 2017[3], li bih irrevokat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2016, u ordna li l-proċeduri jissoktaw fl-ilsien Malti għall-finijiet ta' sottomissjonijiet u għoti ta' sentenza, kif ukoll ordnat li l-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-15 ta' Diċembru, 2017[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-25 ta' Jannar, 2018[5], tal-Awtorità mħarrka bi tweġiba għal dik attriċi;

---

[1] Paġġ. 27 u 28 tal-proċess
[2] Paġ. 45 tal-proċess
[3] Paġ. 97 tal-proċess
[4] Paġġ. 98 sa 109 tal-proċess
[5] Paġġ. 111 sa 115 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur *proprio* jilmenta mill-mod kif l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-Awtorità') ikkonfiskat il-vettura tiegħu w talbitu jħallas l-ispejjeż marbuta mar-rilaxx, magħduda t-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vettura, biex ikun jista' joħodha lura. Meta l-attur ma qagħadx għal dak mitlub, l-Awtorità poġġiet il-vettura għal bejgħ bl-irkant, meta huwa kien f'diskussjonijiet magħha dwar ir-rilaxx tagħha. Jilmenta li l-ammont li ġie mitlub li jitħallas huwa wieħed eċċessiv u sproporzjonat, li ġie mċaħħad mit-tgawdija ta' ħwejġu, u li l-aġir tal-Awtorità qed jikkawża lill-familja tiegħu dannu rrimedjabbli li ser iwassal biex jitlef il-vettura tiegħu. Jitlob li l-ordni ta' konfiska w it-tqiegħed tal-vettura għall-bejgħ bl-irkant jitħassru, u li l-vettura tinħeles u tintraddlu lura. Jitlob ukoll li jiġi kumpensat għad-danni li ġarrab;

Illi l-Awtorità tiċħad it-talbiet attriċi w tixħet il-ħtija fuq l-attur billi ġab u saq f'Malta vettura mingħajr ma rreġistraha fiż-żmien wara li ġabha f'Malta minn barra, naqas li jħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni fuqha jew naqas li jġib il-liċenzja ta' ċirkulazzjoni. Tgħid li min-naħa tagħha mxiet mal-liġi, u tisħaq li ma għandha twieġeb għall-ebda talba ta' danni;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> jirriżulta li Ali Taher Ab Mohamed Saleh, ta' nazzjonalita Libjana, wasal f'Malta, flimkien ma familtu, f'Awwissu, 2014. L-attur jgħid li għalkemm il-ħsieb tiegħu kien li jibqa' Malta għal sitt xhur, spiċċa biex baqa' jgħix Malta għalkemm kien isiefer b'mod regolari minħabba n-negozju li huwa kellu barra minn Malta. Uliedu kienu wkoll jattendu skola f'Malta[6];

Illi fit-8 ta' Ottubru, 2015[7], l-attur ġab f'Malta minn Sqallija vettura tal-għamla *Kia Carnival*, bin-numru ta' reġistrazzjoni 5-1540962 (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-vettura"). Jgħid li ħallas assikurazzjoni fuqha għal perjodu ta' sena bejn l-1 ta' Ottubru, 2015 sat-30 ta' Settembru, 2016[8];

---

[6] Ara affidavit ta' l-attur Dok "AT1" f'paġ. 48 tal-proċess
[7] Dok. "DD6" f'paġ. 23 tal-proċess
[8] Din id-dikjarazzjoni ma ġiet imsaħħa b'ebda dokument

Illi fit-22 ta' Ġunju, 2016[9], l-attur ġie mwaqqaf waqt li kien qed isuq il-vettura fi triq f'Tas-Sliema u l-Awtorità minnufih ikkonfiskatha. Biex l-attur seta' jeħles il-vettura, l-Awtorità talbitu jħallas l-ammont ta' dsatax-il elf, erba' mija u erbgħa u ħamsin ewro (€19,454)[10]. Dan l-ammont kien jinkludi wkoll il-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha[11];

Illi sadattant, biex l-attur seta' jsuq f'Malta, għall-ewwel kera vettura oħra u mbagħad xtara vettura oħra *second-hand* biex jinqeda[12];

Illi permezz ta' pubblikazzjoni fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Awwissu, 2016[13], tħabbar mill-Awtorità li numru ta' vetturi kienu ser jinbiegħu b'irkant. Fost dawk imsemmija, kien hemm il-vettura;

Illi l-attur talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[14] kontra l-Awtorità biex tinżamm milli tipproċedi bil-bejgħ tal-vettura. It-talba tal-attur intlaqgħet provviżorjament b'degriet mogħti fid-9 ta' Settembru, 2016, u fejn l-Awtorità ntrabtet li ma tgħaddix għall-bejgħ tal-vettura sakemm din il-kawża tkun għadha miexja[15];

Illi fl-24 ta' Ottubru, 2016, infetħet din il-kawża;

Illi fil-5 ta' Lulju, 2017[16], l-Awtorità kompetenti ħarġet il-permess ta' residenza tat-tip 'temporanju' sabiex l-attur seta' jibqa' jgħix f'Malta;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali jolqtu l-mertu tal-każ, billi l-Awtorità ma qajmet l-ebda preġudizzjali preliminari. Permezz tat-talbiet attriċi, l-attur jitlob li l-Qorti ssib li (a) l-ordni ta' konfiska kif ukoll l-ordni biex l-istess vettura titqiegħed għall-bejgħ bl-irkant, huma *ultra vires* billi l-egħmil amministrattiv jikser il-liġi u l-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll għaliex l-Awtorità naqset milli tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u l-egħmil amministrattiv li segwiet jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika bi ksur tal-liġi; (b) tirrevoka l-imsemmija ordnijiet; (ċ) tordna r-rilaxx tal-vettura; (d) issib li l-Awtorità għandha twieġeb għad-danni li huwa ġarrab bi ħtija tagħha; (e) tillikwida d-danni mġarrba; u (f) tikkundannaha tħallas id-danni hekk likwidati;

---

[9] Dok. "DD2" f'paġ. 13 tal-proċess
[10] Dok. "DD8" f'paġ. 25 tal-proċess
[11] Dok. "D" f'paġġ. 55 sa 57 tal-proċess
[12] Affidavit ta' l-attur Dok "ZZ1" f'paġ. 80 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "BRC1" sa "BRC5" f'paġġ. 81 sa 86 tal-proċess
[13] Dok. "DD3" f'paġġ. 14 sa 17 tal-proċess
[14] Rik. Nru. 1311/2016 JZM
[15] Dok "DD9", f'paġ. 26 tal-proċess
[16] Dok. "DD1" f'paġ. 11 tal-proċess

Illi f'din il-kawża, l-attur jallega li l-Awtorità mxiet miegħu bi ksur tal-jeddijiet tiegħu u b'mod arbitrarju. Jgħid li l-konfiska ta' ħwejġu hija kundanna penali u huwa ma setax jiġi kkundannat għal piena penali mingħajr ma jkun imputat kif jitlob l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur[17]. Jgħid li bl-egħmil tal-Awtorità, il-preżunzjoni tal-ħtija tiegħu hija waħda assoluta. Iżid jgħid li għalkemm l-Awtorità aġixxiet bis-saħħa ta' liġi, l-Istat ma jistax jindaħal fi ħwejġu bħala sid u jċaħħdu minn kull opportunità li jkun jista' jidher quddiem organu u jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu. Jgħid ukoll li l-kalkolu tat-taxxa ta' reġistrazzjoni li ntalab iħallas mill-Awtorità huwa wieħed irraġonevoli u mhux proporzjonat. Fis-sottomissjonijiet, itenni jgħid li huwa ma kienx marbut bi żmien li fih kellhu japplika għal eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjni quddiem il-Bord u ma kien marbut b'ebda żmien li fih il-vettura setgħet tibqa' f'Malta. Fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa jgħid li "il-kwistjoni kollha hija dwar l-inkostituzzjonalità tal-egħmil amministrattiv"[18];

Illi meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrativ trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali;

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorità pubblika tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha w ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[19]. Iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorità[20], u wisq anqas tgħaddi biex hija stess tieħu deċiżjoni li, bil-liġi, tkun tmiss lil dik l-awtorità mogħnija bis-setgħa meħtieġa[21]. U għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", l-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun wettqet l-istess għemil;

---

[17] Art. 21(2) tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 100 tal-proċess

[19] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (każ ta' eżami intern) (mhix appellata)

[20] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (każ ta' talba għal ħruġ ta' liċenza) (mhix appellata)

[21] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***

Illi dawn il-parametri huma mfissra b'mod ċar u tajjeb f'dan il-kliem meta jingħad li l-istħarriġ ġudizzjarju "*does not allow the court of review to examine the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by statute or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficiency, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply. But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence*"[22];

Illi għaldaqstant il-Qorti sejra tibda biex tistħarreġ jekk l-Awtorità kelliex is-saħħa bil-liġi li toħroġ ordni sabiex il-vettura ta' l-attur tiġi konfiskata u, aktar tard, li toħroġ l-ordni li tbiegħha b'irkant;

Illi l-Awtorità tgħid li s-saħħa li biha ħarġet l-ordnijiet tirriżulta mill-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-"Att")[23] u r-Regolamenti maħruġa taħtha, dan għaliex l-attur inqabad isuq vettura fit-triq li huwa ġab minn barra minn Malta mingħajr ma rreġistraha magħha, u bla ma ħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni w l-liċenzja ta' ċirkolazzjoni;

Illi minn qari tal-imsemmi Att jirriżulta li l-Awtorità għandha s-setgħa li tilqa' r-reġistrazzjoni ta' vetturi misjuqa f'Malta[24], tikklassifika vetturi mpurtati jew miġjubgħa f'Malta sabiex fuqhom tiġi kkalkulata t-taxxa ta' reġistrazzjoni[25]; tiġbor it-taxxa ta' reġistrazzjoni w dritt ta' liċenzja għal ċirkulazzjoni[26], toħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-ħlas effettiv[27], iżżomm vettura li ma tkunx ġiet reġistrata u mħallsa taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha, u

---

[22] In Re ***Reid vs Secretary of State for Scotland*** (1999)
[23] Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta
[24] Art. 2A tal-Kap. 368
[25] Atrt. 6 u 7 tal-Kap. 368
[26] Art. 3 u 11 tal-Kap. 368
[27] Art. 14 tal-Kap. 368

tordna t-tneħħija tal-imsemmija vettura skont id-disposizzjonjiet tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku[28] jew ir-regolamenti magħmula taħtha[29];

Illi skond l-Att, sabiex l-attur seta' jimporta vettura f'Malta, ma jirreġistrahiex mal-Awtorità u ma jħallasx taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha, kien jeħtieġ li: (i) il-vettura riedet tkun reġistrata f'pajjiż ieħor u tiddaħħal f'Malta temporanjament għal perjodu, konsekuttiv jew mod ieħor, li ma jkunx jaqbeż seba' (7) xhur fuq medda ta' tnax-il (12) xahar; (ii) ikollu r-residenza normali tiegħu barra minn Malta; (iii) ma jkollux dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew ma jkunx inħariġlu permess ta' residenza skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni, u maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità, jew ikun, skont l-istess Att, obbligat li jkollu fil-pussess tiegħu dokument ta' identifikazzjoni legalment validu; u (iv) il-vettura tkun ser tiġi wżata għall-użu personali jew għall-użu fin-negozju[30];

Illi, min-naħa l-oħra, sabiex l-attur seta' juża l-vettura li huwa daħħal f'Malta fit-triq mingħajr liċenza ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità, huwa ried ikun eżenti skond l-Att[31] jew ikollu liċenza ta' ċirkolazzjoni valida maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor[32];

Illi mill-atti jirriżulta li l-attur wasal f'Malta fis-sena 2014 bil-ħsieb li joqgħod Malta għal ftit xhur iżda spiċċa jgħix Malta flimkien ma' familtu. Huwa ġab il-vettura f'Malta fit-8 ta' Ottubru, 2015. L-attur saq il-vettura mingħajr ma rreġistraha mal-Awtorità jew ħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha sat-22 ta' Ġunju, 2016, meta ġie mwaqqaf minn uffiċjal tal-Awtorità u l-vettura tiegħu ġiet konfiskata. Dan ifisser li l-attur saq il-vettura fit-triq għal aktar minn seba' xhur minn meta ġabha f'Malta. Il-fatt li f'Lulju, 2016[33], ingħata permess mill-Awtorità kompetenti li jista' jibqa' jgħix Malta għal żmien ta' sena, f'għajnejn il-Qorti, jfisser li l-attur kellu l-ħsieb li jibqa' Malta għal xi żmien u l-wasla tiegħu f'Malta ma kinetx biss għal ftit xhur[34]. Għaldaqstant iċ-ċirkostanzi li l-liġi tippermetti li persuna tista' ġġib vettura f'Malta mingħajr ma tħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuqha ma jgħoddux għalih, u l-Awtorità kellha kull setgħa bil-liġi li toħroġ ordni ta' konfiska fuq il-vettura;

Illi ladarba ntwera li l-Ordni nħareġ bis-saħħa ta' liġi li hija fis-seħħ u minn awtorità li l-istess liġi tagħtiha s-setgħa li toħroġ Ordni bħal dak,

[28] Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta
[29] Art. 21(5) tal-Kap. 368
[30] Art. 18(1)(a) tal-Kap. 368
[31] Art. 19(5) tal-Kap. 368
[32] Art. 2(2) tal-Kap. 368
[33] Paġ. 11 tal-proċess
[34] F'dan il-kuntest, ara wkoll l-affidavit tal-attur, para 3, f'paġ. 48 tal-proċess

ma jistax jingħad li l-ħruġ minnu nnifsu tal-Ordni li l-vettura tiġi konfiskata, huwa wieħed arbitrarju;

Illi jibqa' li din il-Qorti tistħarreġ id-deċiżjoni tal-Awtorità tad-9 ta' Awwissu, 2016, li l-vettura tinbiegħ b'irkant wara li jitħallas l-ammont marbut mal-konfiska;

Illi mill-atti jirriżulta li fit-28 ta' Lulju, 2016, l-attur, permezz tar-rappreżentant legali ta' fiduċja tiegħu, kiteb lill-Awtorità fejn għarrafha li kien lest li jħallas l-ispejjeż marbuta mal-konfiska iżda mhux dawk marbuta mat-taxxa ta' reġistrazzjoni billi ma kellux il-ħsieb li juża aktar il-vettura f'Malta. Fl-4 u fis-16 ta' Awwissu l-attur bagħat 'reminder' għall-istess ittra[35], liema ittra twieġbet fl-istess jum tat-16 ta' Awwissu. Sadattant, fid-9 ta' Awwissu, 2016[36], l-Awtorità ħarġet l-Ordni li dawk il-vetturi li ma jinġabrux minn sjiedhom sas-26 ta' Awwissu, 2016, wara li jitħallas dak li hu dovut fuqhom, kienu ser jinbiegħu b'irkant pubbliku. Id-deċiżjoni aħħarija li ħadet l-Awtorità għat-talbiet tal-attur kienet li, sabiex il-vettura tiġi rilaxxata, hu kellu jħallas l-ammont kollu mitlub. Aktar tard, mix-xhieda tar-rappreżentant ta' l-Awtorità, ħareġ li l-ammont seta' jingħata lura lill-attur biss jekk il-vettura tiġi meqruda ('*scrapped*')[37];

Illi jibda biex jingħad li minkejja li l-Att[38] isemmi numru ta' ċirkostanzi meta persuna tista' tingħata lura il-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni mħallsa, fil-każ ta' l-attur, l-Awtorità ma kellhiex is-setgħa mil-liġi li tagħti lura tali rifużjoni billi l-attur ma jikkwalifikax għaliha. Dan ifisser li l-Awtorità kellha jdejha marbuta bil-liġi li tiġbor it-taxxa dovuta u ma kellha ebda diskrezzjoni x'setgħet teżerċita fil-konfront ta' l-attur. Min-naħa l-oħra, kif sewwa tgħid l-Awtorità, kien l-attur innifsu li ġab fuqu dik il-qagħda meta naqas li jirreġistra l-vettura fiż-żmien preskritt wara li daħħalha f'Malta u meta beda jinqeda biha u jsuqha meta ma kienx regolarizżat. Dan jistqarru huwa stess imma jgħid li dan sar "bi żvista minħabba l-istat li kien fih dakinhar" u li "kien nesa japplika minħabba ħsibijiet l-oħra li kellu minħabba t-traslokazzjoni u l-għarfien limitat tat-termini tal-liġi Maltija – post ġdid għalih"[39];

Illi dan kollu jixhed li (i) l-Awtorità mxiet ma' dak li tipprovdi l-liġi u ma ntweriex li hija marret lil hinn minn dak preskritt. Kemm hu hekk, l-attur jilminta mill-fatt li l-Awtorità mxiet "*ad unguem*" mad-dispożizzjonijiet tal-liġi waqt li kienu għaddejjin taħdidiet bejnu u bejnha. Iċ-ċirkostanzi fuq

[35] Dok. "C" f'paġġ. 53 sa 54 tal-proċess
[36] Dok. "DD3" f'paġġ. 14 sa 17 tal-proċess
[37] Ara x-xhieda ta' Brian Farruġia f'paġ. 77 tal-proċess
[38] Art. 23 tal-Kap. 368
[39] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 107 tal-proċess

imsemmija juru wkoll li (ii) fid-dispożizzjonijiet rilevanti li l-liġi tippreskrivi, l-Awtorità ma wettqet l-ebda diskrezzjoni, imma ħaddmet l-istess dispożizzjonijiet. Fuq kollox, ħareġ ukoll (iii) li dak li għadda minnu l-attur *proprio* kien il-frott ta' nuqqas min-naħa tiegħu li nissel il-konsegwenzi li l-liġi taħseb għalihom: qajla, għalhekk, jista' jingħad li l-Awtorità tista' taħti għall-ħsara li jgħid li ġarrab jekk kulma għamlet kien li ħaddmet il-liġi;

Illi safejn l-attur jgħid li l-każ tiegħu jinbena fuq l-inkostituzzjonalità tal-għemil amministrattiv, din il-Qorti taħseb li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mnedija minnu mhijiex il-mod kif ilment bħal dak ikun mistħarreġ. Illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinbeda kawża jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[40]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi fit-tieni lok, il-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[41];

Illi fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qrati tagħna diġà stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha[42];

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tistħarreġ liġi, billi liġi ma tista' bl-ebda mod tinġabar taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv"[43];

---

[40] P.A. GCD **5.03.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[41] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[42] Ara. Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***
[43] App. Ċiv. **8.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Il-Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et***

Illi dan kollu jfisser li fl-għamla ta' azzjoni mibdija mill-attur, din il-Qorti ma tistax tqis l-ilmenti tiegħu dwar allegati ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu bħala dawk li jaqgħu taħt għemil amministrattiv li "jikser il-Kostituzzjoni" għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bla ħsara għal kull jedd ta' kisba ta' rimedju ieħor spettanti lilu f'sede oħra;

Illi l-Qorti għaldaqstant ma tarax li tista' tistħarreġ aktar l-ilment ta' l-attur;

Illi dan ifisser li l-eċċezzjonijiet mressqa mill-Awtorità huma tajba u għalhekk l-ewwel talba attriċi m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi t-talbiet l-oħra attriċi huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda u għaldaqstant sejrin ukoll jiġu miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa l-eċċezzjonijiet** tal-Awtorità imħarrka bħala mistħoqqa;

**Tiċħad** t-talbiet attriċi, billi ma ntweriex li l-Awtorità mxiet b'mod arbitrarju jew bi ksur tal-liġi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha dwar il-vettura tal-attur; u

**Tordna** li **l-ispejjeż** tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**23 ta' Jannar, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**23 ta' Jannar, 2020**